**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**SEDE CIVILI**

**ONOR. MAGISTRAT DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 7 TA' DICEMBRU 2001**

Avviz nru: 611/00

Avukat Dottor Michael Tanti Dougall ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Vodafone (Malta) Ltd gia Telecell Limited

Vs

Enzo Guarella

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenut ghal hlas tas-somma ta' sebgha mija u disgha u erbghin lira Maltin u disgha u hamsin centezmi (Lm 749.59) bilanc ta' somma akbar, rapprezentanti access ghall-uzu ta' mobile telephone u 'airtime' ghall-istess uzu, moghti lilu mis-socjeta` attrici ghall-perjodu 1995/1996.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali inkluzi dawk tal-ittri bonarja datata 15 ta' Jannar 1997 u tal-ittra ufficjali ta' April, 1997, bil-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta it-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduta tal-llum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u il-Qorti qieghda tilqa` it-talba attrici u tikkundanna lil konvenut sabiex ihallas lil kumpanija attrici is-somma mitluba ta' sebgha mija u disgha u erbghin liri Maltin u disgha u hamsin centezmi  (Lm749.59) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-imghaxijiet legali b'effett mill-11 ta' Mejju tas-sena 2000; u

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Mag. Dr. D. Montebello B.A., LL.D.

S. Farrugia
Dep/Reg